# IR-REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/2017

## tad-9 ta’ Diċembru 2020

## li jemenda l-parti 2 tal-Anness tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2018/878 dwar l-entrata għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta’ Fuq

**(Test b’rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Ġunju 2013 dwar il-movimenti mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 20 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/772 ([2]) jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tal-miżuri sanitarji preventivi għall-kontroll tal-infezzjoni *Echinococcus multilocularis* fil-klieb, li huma maħsuba għall-movimenti mhux kummerċjali fit-territorju jew f’partijiet tat-territorju ta’ ċerti Stati Membri. B’mod partikolari, l-Artikolu 2 ta’ dak ir-Regolament Delegat jistabbilixxi r-regoli għall-kategorizzazzjoni tal-Istati Membri, jew partijiet minnhom, fir-rigward tal-infezzjoni *Echinococcus multilocularis*, u jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li Stat Membru jrid jissodisfa sabiex jibqa’ eliġibbli li japplika dawk il-miżuri sanitarji preventivi.

(2) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/878 ([3]) jelenka l-Istati Membri jew parti mit-territorji tal-Istati Membri li jikkonformaw mar-regoli għall-kategorizzazzjoni fir-rigward tal-*Echinococcus multilocularis* stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2018/772. Il-lista tal-Istati Membri jew ta’ partijiet tat-territorju tal-Istati Membri li jikkonformaw mar-regoli għall-kategorizzazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2018/772, hija stabbilita fil-Parti 2 tal-Anness tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2018/878.

(3) F’konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Ftehim dwar il-Ħruġ), u b’mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta’ Fuq flimkien mal-Anness 2 ta’ dak il-Protokoll, ir-Regolament (UE) Nru 576/2013 kif ukoll l-atti tal-Kummissjoni bbażati fuqu, japplikaw għar-Renju Unit u fih fir-rigward tal-Irlanda ta’ Fuq wara l-perjodu ta’ tranżizzjoni.

(4) It-territorju kollu tar-Renju Unit bħalissa hu elenkat fil-Parti 2 tal-Anness tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2018/878. Jeħtieġ li tiġi emendata l-Parti 2 ta’ dak l-Anness skont dan, billi l-entrata li tirreferi għar-Renju Unit tiġi sostitwita b’entrata li tirreferi għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta’ Fuq.

(5) Peress li l-perjodu ta’ tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-ħruġ jintemm fil-31 ta’ Diċembru 2020, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mill-1 ta’ Jannar 2021.

(6) Il-miżuri previsti f’dan ir-Regolament huma f’konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

---

([1]) ĠU L 178, 28.6.2013, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/772 tal-21 ta’ Novembru 2017 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri sanitarji preventivi għall-kontroll tal-infezzjoni *Echinococcus multilocularis* fil-klieb, u li jħassar ir-Regolament ta’ Delega (UE) Nru 1152/2011. (ĠU L 130, 28.5.2018, p. 1).

([3]) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/878 tat-18 ta’ Ġunju 2018 li jadotta l-lista tal-Istati Membri, jew partijiet tat-territorju tal-Istati Membri, li jikkonformaw mar-regoli għall-kategorizzazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 2(2) u (3) tar-Regolament Delegat (UE) 2018/772 dwar l-applikazzjoni ta’ miżuri sanitarji preventivi għall-kontroll tal-infezzjoni *Echinococcus multilocularis* fil-klieb (ĠU L 155, 19.6.2018, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-Parti 2 tal-Anness tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2018/878 hija sostitwita bit-test stabbilit fl-Anness ta’ dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Ghandu japplika mill-1 ta’ Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta’ Diċembru 2020.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

"PARTI 2

**Lista tal-Istati Membri (*) jew ta' partijiet tat-territorju tal-Istati Membri li jikkonformaw mar-regoli għall-kategorizzazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2018/772**

| | **Kodiċi** | **It-territorju kollu/partijiet mit-territorju** |
|---|---|---|
| Il-Finlandja | FI | It-territorju kollu |
| L-Irlanda | IE | It-territorju kollu |
| Ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq) | UK(NI) | L-Irlanda ta' Fuq |

(*) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, dan ir-Regolament japplika għar-Renju Unit u fih fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq."